MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 601/2004

**Alfred Zammit f'ismu proprio u ghan-nom ta' Xol & Company Limited**

**Vs**

**Keith Sultana esercenti l-kummerc bl-isem Click Imports**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm175) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi bhala rizultat tas-sentenza tat-Tribunal tal-Konsumatur dwar nuqqasijiet li ghalihom kien responsabbli l-konvenut kif ukoll *cordless phone* li l-istess konvenut ma rritornax lill-atturi.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li l-ebda ammont m'hu dovut mill-konvenut nomine. L-istess konvenut qal ukoll illi m'huwiex fil-pussess ta' ebda *cordless phone* appartenenti lill-atturi.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra illi fil-kawza **Roderick Vella Vs Xol & Company Limited** it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti in parte w ordna lill-intimat sabiex ihallas mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) b'dan illi l-*mobile phone* jigi proprjeta' ta' l-intimat meta jsir il-hlas.

Ra x-xhieda ta' Alfred Zammit fejn jikkonferma li kien jixtri l-*mobile phones* minghand il-konvenut. Jghid illi kien gie klijent tieghu wara erba' xhur li kien xtara l-*mobile phone* ghaliex kien bil-hsara. Jikkonferma li l-istess *mobile phone* li gablu l-klijent kien xtrah minghand il-konvenut biex ibieghu. Jghid illi wara xahrejn Sultana kien gablu l-*mobile phone* lura u qallu li ma setax jissewwa.

Jghid ukoll illi l-konvenut kien qallu li ghandu certifikat fejn huwa muri li l-istess *mobile phone* ma jittrangax. Sultana qatt ma tah dana c-certifikat.

Zammit jikkonferma li l-klijent kien ghamel kawza kontrih u gie kkundannat sabiex ihallsu mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135).

Jghid illi erbghin lira Maltin (Lm40) mis-somma mitluba f'din il-kawza tirrapprezenta *cordless phone* li l-konvenut baqa' ma tahx lura. Zammit jghid illi hu kien irritorna dan il-*cordless phone* ghaliex ma kienx qieghed jahdem kif suppost u ghalhekk kellu jirrifondi erbghin lira Maltin (Lm40) lill-klijent.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li Zammit kien xtara *mobile phone* minghandu. Jghid illi l-garanzija tal-*mobile phone* ma kopritux. Sultana jghid ukoll illi t-technicians ta' barra kienu sabu li l-*mobile phone* kien imxarrab minn gewwa.

Sultana jghid illi kien informa lil Zammit b'dan u fl-istess gurnata Zammit mar ghandu u kellmu hazin. Jikkonferma li Zammit kien hallielu *cordless phone* sabiex jittranga. Jghid illi l-istess telefon kien lest wara jumejn izda qatt ma nforma lil Zammit minhabba li kien hareg bir-rabja u b'kliem hazin mill-hanut.

Il-konvenut ikkoregа r-Risposta li fil-fatt il-*cordless phone* huwa ghandu u lest li jirritornah.

Jichad illi Zammit kien kitiblu ittra dwar il-*mobile phone*. L-indirizz 146 Zabbar Road huwa tal-hanut l-antik.

Jghid illi l-kumpanija ta' Catania baghtu l-*mobile phone* lura b'karta mieghu fejn spjegaw li l-*mobile phone* kien imxarrab. Din il-karta ta lill-attur. Jghid ukoll illi fuq dan il-*mobile phone* m'ghandux korrispondenza mas-socjeta' ta' Catania.

Jichad li kecca lill-attur mill-hanut.

L-attur iddikjara li llum il-gurnata ma jridx jiehu lura l-*cordless phone* stante li mhux gdid u m'ghadux taht il-garanzija.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenut naqas milli jipproduci provi sabiex juri li l-*mobile phone* kien verament imxarrab minn gewwa.

Illi l-konvenut ammetta li ghandu l-*cordless phone* ta' l-attur.

Illi malli l-attur xtara *mobile phone* li kien difettuz kellu dritt li jiehu passi skond il-ligi kontra l-konvenut. Illi l-attur kellu dritt jagixxi ai termini ta' l-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili jew ai termini tal-Kapitolu 378. L-attur naqas li jaghmel hekk u issa pprezenta kawza fejn qieghed jitlob danni wara li l-istess attur gie kkundannat mit-Tribunal tal-Konsumatur. Illi l-konvenut lanqas kien imsejjah fil-kawza quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur.

Illi anki ghall-*cordless phone* l-attur fil-kawza talab l-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40) meta kellu dritt li jitlob il-*cordless phone*. L-attur iddikjara li ma jridx il-*cordless phone* iktar billi m'ghadux taht il-garanzija.

Illi skond il-ligi l-attur kellu rimedji legali izda naqas li juza l-istess. Ghaldaqstant jichad it-talba ta' l-attur. Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu billi l-konvenut kellu d-dover li mill-ewwel jirritorna l-*cordless phone*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------